Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag Juris (Eur Law)

Il-Pulizija

(Spettur Helga Debono)

vs

Joseph Attard

Illum 24 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra 'l fuq imsemmi imputat Joseph Attard, iben Joseph u Rose nee' Muscat, imwieled fl-10 ta' April 1963 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 230463(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'April 2001 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru

l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

a. b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM 6,300.50 liema ammont huwa iktar minn hames mitt lira, billiipprezenta cekk tal-Bank of Valletta numru 72 lil Thomas Cook Ltd, ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Mid-Med Bank, Thomas Cook u persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju, 2002 waqt li kienu qed isirulu l-

mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-istess imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali netta u li irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita li kellu.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat radd lura lil Thomas Cook Limited l-ammont kollu dovut minnu lil Thomas Cook Limited u dana skond kif xehed Mark Bonnici waqt is-seduta tal-14 ta' Mejju, 2002. L-istess Mark Bonnici xehed illi s-socjeta' Thomas Cook ma ghandha l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat fuq imsemmi.

Il-Qorti semghet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara illi l-imputat ikkommetta r-reati in kwistjoni peress illi kien iddisprat ghall-flus wara illi huwa stess safa' vittma ta' frodi fl-ammont ta' mitejn u erbghin elf lira sterlina.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat u ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jinghata l-opportunita sabiex ikompli miexi fit-triq it-tajba illi kien miexi fiha qabel ma ikkommetta dawn ir-reati.  Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi qeghda tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur